**27 ta' Mejju, 1946.**

**Imħallfin:**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D

**Rev. Kjeriku Carmelo Bonavia et. *versus* Giuseppe Fenech et.**

**Self restitwibili "a richiesta" — Meta huwa eżiġibili — Kompensazzjoni — Preskrizzjoni — Art. 1239 tal-Kodiċi Civili.**

*Dejjem ġie ritenut illi f'każ ta' self restitwibili "a richiesta" l-mutwant mhux marbut bl-ebda żmien, u għalhekk, salv li jagħti żmien raġjonevoli lid-debitur, huwa fi kwalunkwe żmien jista' jitlob ir-restituzzjoni tal-flus.*

*Meta żewġ persuni jkunu debituri wieħed kontra l-ieħor, issir il-kompensazzjoni "ipso jure", u anki mingħajr ma jkunu jafu l-istess debituri; u għalhekk fil-mument li ż-żewġ debiti jkunu jistgħu kontemporaneament jestingwu ruħhom reċiprokament għall-kwoti korrispondenti, il-kompensazzjoni topera ruħha immedjatament li ż-żewġ debiti jsiru ċerti u likwidi u eżiġibili, mingħajr ma hemm bżonn li xi wieħed mid-debituri jagħmel it-talba biex issir il-kompensazzjoni.*

*Malli topera ruħha l-kompensazzjoni, id-debiti kompensati jiġu estinti, u għalhekk tieqaf id-dekorrenza tal-preskrizzjoni dwar dawk id-debiti.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremettew illi b'kuntratt in atti Calcedonio Gatt tas-7 ta' Novembru 1917, Serafino u Serafina ġa miżżewġin Grech kienu silfu lil Giuseppe Attard is-somma ta' £90 li huwa kellu jħallas żmien 12-il sena bl-imgħax tal-5% fis-sena; u li b'testment "unica

charta'' fl-atti tan-Nutar fuq imsemmi tas-17 ta' Ġunju 1907. Serafina Grech ġiet istitwita unika eredi minn żewġha Serafino; u li l-istess Serafina Grech b'testment għand l-imsemmi Nutar fl-14 ta' Settembru 1922, istitwiet eredi tagħha lill-imsemmijin Caterina Bonavia u Carmelo Testa, ħutha, il-lum mejtin; u li għaddew aktar minn tliet snin minn mindu l-kuntratt fuq imsemmi sata' jkollu eżekuzzjoni; talbu li jiġu awtorizzati jeżegwixxu l-kuntratt fuq imsemmi, biex jottjenu l-ħlas tal-kapital u ta' l-imgħax dovuti, bl-imgħax ulterjuri u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' April 1943;

Rat in-nota tal-konvenuti l- biha ssottomettew illi huma *kredituri* (a) ta' l-attur Kjeriku Bonavia fis-somma ta' £25. 17. 1½, u spejjeż li jammontaw għal £5. 14. 6, skond it-taxxa, kif jidher mis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' April 1943, fil-kawża ''Fenech vs. Bonavia''; (b) ta' l-atturi aħwa Bonavia bħala werrieta ta' missierhom Andrea fis-somma ta' £16 u spejjeż in forza ta' sentenza ta' l-Ewwel Qorti tad-29 ta' Novembru 1915, kif jidher miċ-ċertifikat ta' ipoteka, u dana għaliex huma eredi tal-kreditur Giuseppe Attard; (c) ta' l-atturi kollha aħwa Bonavia u Testa bħala werrieta ta' Giuseppe Cuschieri fis-somma ta' £130, dejn l' kien ġie ċedut lil Giuseppe Attard, li huma l-werrieta tiegħu, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Angelo Cachia tal-15 ta' Ġunju 1927; illi għaldaqstant ma humiex debituri lejn l-atturi, għaliex huma kredituri ta' l-istess nies f'ammont akbar u b'hekk id-dejn tagħhom ġie maqtugħ u kompensat mal-krediti tagħhom;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re ta' l-24 ta' Jannar 1946, fejn ċaħdet it-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjeż; wara li laqgħet l-konkluzjonijiet tal-periti legali u kkunsidrat;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi nomine u l-petizzjoni tagħhom fejn talbu illi dik is-sentenza tiġi revokata, u tiġi milqugħa t-talba ta' l-atturi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Tikkunsidra ;

Illi l-kwistjonijiet li ġiebu l-appellanti huma :— 1. Illi l-krediti kontra l-miżżewġin Cuschieri tas-7 ta' Mejju 1899, u tal-31 ta' Diċembru ta' l-istess sena saru eżiġibli fis-6 ta' Mejju 1943, biss ; 2. Illi l-krediti tal-konvenuti huma preskritti ; 3. Li ma hemmx reċiproċità bejn il-kredituri u d-debituri ; 4. Il-preskrizzjoni ta' ħames snin fuq l-imgħax ;

Fuq l-ewwel kwistjoni, l-appellanti qegħdin jippretendu illi l-krediti hemm imsemmija saru eżiġibili biss fis-6 ta' Mejju 1943, meta l-konvenuti bħala kredituri eċċepew dawn il-krediti kontra l-atturi, mentri qabel dik id-data ma kienux eżiġibili. Is-self sar "a semplice richiesta del creditore", u dan juri, u dejjem ġie ritenut hekk, illi l-kreditur f'dan il-każ ma jkunx marbut bl-ebda żmien, u għalhekk, salvo li jagħti żmien raġjonevoli lid-debitur ladarba silfu l-flus, huwa fi kwalunkwe mument sata' jitolbu r-restituzzjoni tal-flus. Dana juri illi mhux għaliex il-kreditur kien tolleranti u ma talabx ir-restituzzjoni tal-kapital, vwoldiri li kien impedut jagħmel hekk ; għaldaqstant, biex jingħad illi l-kapital ma kienx eżiġibili, huwa neċessarju li jiġi pruvat li kien hemm ostakolu jew tal-kondizzjoni jew tat-termine — ostakoli li ma jeżistux f'dan il-każ. Għalhekk dik l-eċċezzjoni ta' l-appellanti hija mingħajr bażi ;

Tikkunsidra ;

Illi fuq it-tieni kwistjoni, l-appellanti jippretendu illi l-kompensazzjoni legali ma setgħetx topera ruħha jekk ma jkunx hemm it-talba tal-kreditur għal dik il-kompensazzjoni. Dana huwa manifestament kontra l-liġi, li tgħid li meta żewġ persuni jkunu debituri waħda kontra l-oħra, issir il-kompensazzjoni, li tiġri "ipso jure" u anki mingħajr ma jkunu jafu l-istess debituri, fil-mument illi ż-żewġ debiti jkunu jistgħu kontemporaneament jestingwu ruħhom reċiprokament għall-kwoti korrispondenti (art. 1239 tal-Kodiċi Ċivili). Ladarba l-kompensazzjoni tiġri "ipso jure" u anki mingħajr ma jkun jaf id-debitur, vwoldiri illi ma hemmx bżonn illi l-kreditur jinvokaha, iżda topera ruħha immedjatament kif ikun hemm żewġ krediti u debiti ċerti, likwidi u eżiġibili ;

L-appellanti jippretendu wkoll illi, anki jekk operat ruħha l-kompensazzjoni, il-preskrizzjoni baqgħet tgħaddi, u għalhekk ġurnata, meta l-krедituri u d-debitur jiġu għal-likwidazzjoni, jew meta wieħed jitlob il-ħlas tal-kreditu tiegħu, kif ġara f'dan il-każ, l-ieħor ma jkunx jista' jeċċepilu l-kompensazzjoni, għax dan ikun jista' jġ blu 'l quddiem il-preskrizzjoni; fi kliem ieħor, illi għalkemm tkun saret il-kompensazzjoni l-preskrizzjoni tibqa' għaddejja, u għalhekk, meta jgħaddi ż-żmien tal-preskrizzjoni, d n toqtol il-kompensazzjoni li tkun saret. Din it-teorija hija manifestament inaċċettabili, għaliex hija kontra l-liġi u l-loġika ġur dika; infatti la darba saret il-kompensazzjoni, kif tgħid il-liġi stess, iż-żewġ krediti u debiti "jest ngwu ruħhom" fl-entranti kwantità; il-kelma "estinzjoni" turina illi dawk il-krediti u debiti, sa l-entranti kwantità, ma jibqgħux veljant, u la darba ma jkunux iżjed eżistenti jkun assurd ġuridiku li wieħed jista' jaħseb illi l-preskrizzjoni tibqa' għaddejja; għaliex d na tissopponi kreditu li jkun għadu veljanti u mhux estint. Imbagħad, ladarba l-kompensazzjoni ġiet operata skond il-liġi bil-konsegwenz tagħha, u fosthom u l-aktar importanti l-estinzjoni tal-kreditu, huwa inkapibili kif kwalunkwe preskrizzjoni tista' terġa' topera r-rivivixxenza ta' dawk il-krediti, għax ladarba kien hemm l-estinzjon tagħhom xejn ma jiswa biex jerġa' jqajjimhom, barra mill-każ illi jkun pruvat illi l-kompensazzjoni saret ħażin, jew aħjar li ma saret qatt, għax f'dak il-mument tagħha wieħed mill-krediti kien allura preskr tt; imma jekk f'dak il-mument saret tajjeb u ma kienx hemm preskrizzjoni, il-kompensazzjoni għandu jkollha l-effett tagħha komplet ta' l-estinzjoni tal-krediti u debiti;

**T kkunsidra;**

Illi fuq it-tielet kwistjoni, l-appellanti jippretendu li ma kienx hemm reċiproċità għax huma mhumiex werrieta ta' Giuseppe u Vincenza Cuschieri, imma sempliċi legatarji. Iżda fuq din il-kwistjoni l-perit legali għamel eżami dettaljat, u għar-raġunijiet hemm miġjuba fir-rapport tal-perit, li huma adottati, j dher biċ-ċar illi anki din l-eċċezzjoni hija mingħajr bażi;

Tikkunsidra;

Illi fuq il-preskrizzjoni kwinkwennali ta' l-imghax, skond ir-rapport tal-perit jidher anki bic-car illi, wara li topera ruhha l-kompensazzjoni, il-konvenuti jibqghu kredituri ta' £55. 12. 4; u ghalhekk, peress li din mhijiex kawża ta' likwidazzjoni tal-krediti tal-partijiet fejn ghandu jiġi stabbilit l-ammont eżatt li fih il-konvenuti huma se maj kred'tari, jidher però li anki jekk ikunu mnaqqsa dawk l-imghax, mehuda konsiderazzjoni tal-kapitali favur il-konvenuti riportati fir-rapport tal-perit, ill l-kompensazzjoni ġiet operata fl-ammonti mitluba fiċ-ċitazzjoni;

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddikjara li ma hemmx ghalfejn ikun eżaminat jekk hemmx lok jew le ghall-preskrizzjoni ta' hames snin fuq l-imghax; tirresp'ngi l-appell ta' l-atturi u l-preskrizzjoni ta' tletin sena eċċepita minnhom; u ghalhekk tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fuq imsemmija; bl-ispejjeż kontra l-atturi appellant'.